

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 680/2009**tas-27 ta' Lulju 2009****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 423/2007 tad-19 ta' April 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/652/PESK tas-7 ta' Awwissu 2008 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1110/2008 tal-10 ta' Novembru 2008 ⁽²⁾ li jemenda r-Regolament (KE) Nru 423/2007 ⁽³⁾ impona miżuri restrittivi addizzjonali skont il-Pożizzjoni Komuni 2008/652/PESK, u b'mod partikolari obbligu ta' notifika minn qabel fir-rigward ta' ċerti vjeġġi lejn u mill-Iran
- (2) Għal raġunijiet tekniċi, sar provvediment għal derogi mir-regoli għall-implimentazzjoni ta' dak l-obbligu ta' notifika minn qabel matul perijodu ta' transizzjoni. Minħabba li l-kompleksità tar-regoli ta' implimentazzjoni għal din il-

miżura rriżultat f'dewmien mhux previst fl-implimentazzjoni tagħha, il-perijodu ta' transizzjoni għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2010.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 għalhekk għandu jiġi emendat kif ġej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-raba' u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 4a tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 huma b'dan sostitwiti b'dan li ġej:

“Sal-31 ta' Diċembru 2010, id-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul u l-ħruġ u l-elementi adizzjonali meħtieġa msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu ppreżentati bil-miktub, bl-użu ta' informazzjoni kummerċjali, portwali jew tat-trasport, bil-kondizzjoni li din tkun tinkludi d-dettalji neċessarji.

Mill-1 ta' Jannar 2011, l-elementi addizzjonali meħtieġa msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu ppreżentati bil-miktub jew bl-użu tad-dikjarazzjonijiet fil-qosor ta' dħul u ħruġ, kif ikun adatt.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

C. BILDT

⁽¹⁾ ĠU L 213, 8.8.2008, p. 58⁽²⁾ ĠU L 300, 11.11.2008, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 103, 20.4.2007, p. 1.